MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 154/2003

**HSBC Home Loans (Malta) Limited gia Lohombus Bank Limited gia Lohombus Corporation Limited**

**Vs**

**Tarcisio u Maria Dolores konjugi Sicluna**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici premettiet illi  l-konvenuti huma debituri tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' hamest elef sitt mija tlieta u sittin lira Maltija u seba' u sebghin centezmu (Lm5,663.77) u cioe kwantu ghall ammont ta' Lm5,331.16 (hamest elef tlett mija u wiehed u tlettin lira Maltija u sittax-il centezmu) rappresentanti bilanc fuq kapital minn loans facilities bin-numri 30081253 u 14061633, u kwantu ghall Lm332.61

(tlett mija tnejn u tlettin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu) rappresentanti imghaxijiet mit-3 ta''Mejju, 2001 sas-7 ta' Marzu, 2002 sabiex flimkien jaghmlu s-somma globali ta' Lm5,663.77 moghtija lilhom mill-Bank attur u dan skond kopja ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello DuPuis tas-17 ta' April, 1985 u statement of Account hawn annessi u mmarkati bhala Dok A u Dok B rispettivament, oltre l-imghaxijiet bit-tminja fil-mija (8%) mit-8 ta' Marzu, 2002 sad-data tal-pagament effettiv ;

Premess illi ghalkemm interpellati biex ihallsu l-konvenuti baqgghu inadempjenti.

Ghaldaqstant il-Bank attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili

2. Tikkundanna lil-konvenuti sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma komplessiva ta' hamest elef sitt mija tlieta u sittin lira Maltija u seba' u sebghin centezmu (Lm5,663.77) u cioe kwantu ghall-ammont ta' Lm5,33.16 (hamest elef mija u wiehed u tlettin lira Maltija u sittax-il centezmu) rappresentanti bilanc fuq kapital minn loan facilities bin-numri 30081253 u 14061633, u kwantu ghall Lm332.61 (tlett mija tnejn u tlettin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu) rappresentanti imghaxijiet mit-3 ta' Mejju, 2001 sas-7 ta' Marzu, 2002 sabiex flimkien jaghmlu s-somma globali dovuta ta' Lm5,663.77 moghtija lilhom mill-Bank attur u dan skond kopja ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Du Puis tas-17 ta' April, 1985 u statement of Account hawn annessi u mmarkati bhala Dok A u Dok B rispettivament, oltre imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mit-8 ta' Marzu, 2002 sad-data tal-pagament effettiv

Bl-ispejjez kollha nkluzi il-VAT, l-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru, 2000 (Dok C) u bl-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mit-8 ta' Marzu, 2002 sad-data tal-pagament effettiv

kontra l-konvenuti li huwa minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata ;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------